**23 ta' Frar, 1996**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.a., LL.D.**

Markiża Agnese Gera de Petri

*versus*

Carmel Tabone

## Soprasessjoni - Rekwiżizzjoni - Derekwiżizzjoni - Dekontroll - Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta

*L-attriċi f'din il-kawża kienet qed timpunja f'kawża oħra ċertifikat ta'* decontrol *u appellat minn digriet ta' soprasessjoni sakemm tiġi deċiża l-kawża l-oħra fejn qed jiġi attakkat iċ-ċertifikat.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti li ssoprasediet b'dan li tat rakkomandazzjoni ta' ċelerita' fil-proċeduri.*

Il-Qorti:-

Dan huwa t-tieni appell f'din il-kawża quddiem din il-Qorti minn deċiżjoni dwar talba għal soprasessjoni;

Fit-12 ta' Novembru, 1994, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet li tilqa' talba tal-konvenut għas-soprasessjoni f'din il-kawża sa l-eventwali sentenza finali mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Ċitazz. Nru. 62/93 fl-ismijiet **Carmel Tabone *vs* Marchionese Agnese Gera de Petri *et***;

L-attriċi f'din il-kawża, ċjoe` l-Markiża Agnese Gera de Petri, ħasset ruħha aggravata bid-digriet imsemmi u interponiet il-preżenti appell;

Hija tissottometti illi fl-ewwel lok il-meritu tal-kawża li għaliha għamel referenza l-konvenut u d-deċiżjoni tagħha li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li tistenna qabel ma tipproċedi b'din il-kawża, m'għandux u ma jistax ikollu l-ebda inċidenza u bl-ebda mod m'għandux x'jaqsam mal-meritu tal-preżenti kawża;

Hija tissottometti li ma kinux jikkonkorru l-elementi tas-soprasessjoni rikjesti mil-liġi biex il-Qorti tkun tista' tagħmel hekk. Biex il-Qorti tkun f'posizzjoni ta' soprasessjoni jridu jikkonkorru elementi tali li s-sentenza li tkun tista' tiġi ottenuta bil-ġudizzju li l-Qorti tiddeċidi li tistenna, tkun ta' natura tali li tista' tiġi eċċepita bħala ġudikat fil-proċeduri f'liema l-Qorti tkun issoprassjediet. L-appellanti tissottometti li f'dan il-każ, tali konnessjoni ta' liġi li jiġġustifika l-eċċezzjoni ta' *res judicata* ma teżistix. Is-sottomissjoni tal-konvenut appellat in sostanza tammonta għal waħda li tista' *se mai* twassal għall-possibbilita` li jekk id-*decontrol certificate* ottenut mill-attriċi jiġi annullat b'ordni tal-Qorti, allura d-Direttur ta' l-Akkommodazzjoni Soċjali jkun f'posizzjoni li jerġa' joħroġ

*Requisition Order* fuq il-fond in kwistjoni. Tali argument ma jinċidi bl-ebda mod fuq il-veru meritu tal-kawża pendenti quddiem l-Ewwel Qorti u ċjoe` jekk il-konvenut għandux illum titolu *o meno* biex ikompli jokkupa l-istess fond. L-appellanti attirat l-attenzjoni ta' din il-Qorti għall-fatt li hija ilha li bdiet il-proċeduri għall-iżgumbrament tal-konvenut minħabba li qed jokkupa l-fond mingħajr ebda titolu sa mill-1991 u ċjoe` kważi ħames snin ilu u nonostante dan, sal-lum, għadha ma mexxilhiex tottjeni l-ebda pendenza definittiva . Anzi, ġiet rinfaċċjata b'serje ta' proċeduri legali intiżi biss biex jiddilazzjonaw l-otteniment ta' tali ġudikat definittiv. Hija tirrileva ukoll li fil-kors ta' dawn il-proċeduri ġiet ottenuta sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li llum għaddiet in ġudikat li ddikjarata li d-dekontroll minnha ottenut kien wieħed validu fil-konfront tad-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali u tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

F'tali sitwazzjoni, l-appellanti tissottometti li la jkun utili u lanqas konduċiv għall-ġustizzja, li din il-Qorti tistenna l-eżitu ta' kawża li ma tistax tindiċi fuq il-meritu tal-kawża pendenti quddiemha llum, speċjalment meta ġa` hemm ġudikat fuq il-punt issollevat fuq il-kawża l-oħra;

Għall-appell ta' l-attriċi, il-konvenut appellat issottometta illi l-mod kif l-appellanti qed tiddeskrivi l-kawża li huwa istitwixxa biċ-ċitazzjoni nru. 62/93 mhijiex korretta. Infatti t-talba tiegħu mhijiex biss li jiġi ddikjarat null id-dekontroll maħruġ, imma anke d-*derequisition*. Jekk tali talba tintlaqa' għalhekk, ir-*requisition* oriġinali terġa' ssir viġenti u ma jkunx hemm bżonn ta' *Requisition Order* ġdida kif donnha qed timplika l-appellanti. Inoltre l-appellat jissottometti ukoll li s-sentenza tal-Prim'Awla msemmija fl-appell mhix waħda fil-konfront tiegħu u ma timpinġix fuq il-kawża li fetaħ

huwa stess li għandu dritt iressaq il-provi u d-dokumenti tiegħu fiha biex jipprova li d-dekontroll ma kienx regolari u għalhekk kien null. Il-fatt li forsi ħaddieħor ma rnexxielux jipprova dan il-fatt bil-provi li kellu għad-disposizzjoni tiegħu u fir-rigward ta' appartament ieħor, ma jistax u m'għandux jimpinġi fuq il-każ odjern. Huwa jirrileva a propożitu, illi s-sentenza li hemm imsemmija ttieħdet fir-rigward ta' *flat* ieħor fl-istess blokk u mhux fir-rigward ta' *flat* 8, meritu ta' din il-kawża;

Din il-Qorti, wara li eżaminat l-atti kollha tal-kawża, inklużi n-noti ta' sottomissjonijiet li ġew esebiti u semgħet ukoll it-trattazzjoni, issa qiegħda fil-posizzjoni li tiddeċidi kif ġej:

Fl-ewwel lok jiġi osservat illi essenzjalment l-appellanti qed tissottometti illi bejn l-ewwel digriet ta' soprasessjoni mogħti mill-Ewwel Qorti u t-tieni digriet ta' soprasessjoni li huwa l-meritu ta' dan l-appell, iċ-ċirkostanzi tbiddlu radikalment u anke d-dekors taż-żmien ġab sitwazzjoni fejn mhux iżjed ġustifikabbli li jkun hemm ordni ta' soprasessjoni fir-rigward tal-kawża intentata mill-attriċi għar-ripreża tal-pussess tal-fond iddetenut mingħajr titolu mill-konvenut. L-appellanti tissottometti li llum il-ġurnata, bil-mod kif żviluppaw l-affarijiet, m'għadx hemm iżjed lok għall-ordni ta' soprasessjoni fil-kawża intentata mill-attriċi sakemm din tistenna d-deċiżjoni ta' kawżi oħra;

Essenzjalment, is-sottomissjoni tagħha hija tispjegaha kif ġej:

Ma jeżistix ness ta' *res judicata* ossia ta' ġudikat bejn il-kawża preżenti u dawk intentati mill-konvenut dwar il-validita' o meno sia tad-dekontroll kemm ta' l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni, billi t-titolu tal-konvenut bl-ebda mod ma jiddependi mill-validita' ta' dawk l-

atti amministrattivi;

Ġa' ġew ottenuti sensiela ta' sentenzi f'liema, finalment irriżulta, li d-dekontroll ottenut mill-attriċi kien validu u ritwali. In partikolari, sentenza minnhom ottenuta fil-konfront tad-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali u tal-*Land Valuation Officer* tħalliet tgħaddi in ġudikat u tifforma llum ġudikat bejn l-attriċi u l-*Land Valuation Officer* u d-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali;

Il-validita' o meno ta' l-Ordni tad-Derekwiżizzjoni ma tiddependix mill-validita' o meno ta' l-Ordni tad-Dekontroll u ma hemmx ness ta' kawżalita' bejn il-kwistjoni tal-validta' o meno tad-dekontroll u l-validita' o meno ta' l-Ordni ta' Derekwiżizzjoni;

M'hemmx ġurisdizzjoni fil-qrati lokali biex jissindikaw l-operat tad-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali in kwantu dan għażel li jagħmel Ordni ta' Derekwiżizzjoni u għalhekk hemm improbabbilita' serja li l-kawża intentata mill-konvenut, f'liema qed jiġi allegat l-invalidita' ta' l-Ordni ta' Derekwiżizzjoni, tirnexxi;

L-att reċentement mgħoddi mill-Parlament ineħħi l-awtorita' lid-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali li joħroġ ordnijiet għar-Rekwiżizzjoni. B'konsegwenza ta' din il-liġi l-kwistjoni tal-validita' o meno ta' Ordni ta' Derekwiżizzjoni maħruġa mid-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali tisfa fix-xejn għax mhux possibbli għad-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali li jerġa' joħroġ Ordni ta' Rekwiżizzjoni oħra;

Bil-mod kif tmexxiet il-kawża ta' l-attriċi hemm probabbilita' serja li din tara menomati d-drittijiet fondamentali tagħha u in partikolari dak li hija tirċievi smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

Hija tirrileva li din il-kawża issa ilha pendenti iktar minn erba' snin u ġiet ikkomplikata mill-konvenut kif ukoll mill-Awtoritajiet Governattivi b'sensiela ta' kawżi minnhom intentati biex jippruvaw li d-dekontroll ottenut minnha kien null u li konsegwentement anke l-Ordni ta' Derekwiżizzjoni huwa null u rritwali. B'konsegwenza ta' dawn il-kawżi, illi fil-konfront ta' Awtoritajiet Governattivi, għaddew in ġudikat fil-meritu deċiż favorevolment għaliha, ġiet imwaqqfa l-proċedura għall-iżgumbrament intentata mill-attriċi u b'dan il-mod għaddew erba' snin inutilment;

Ikkunsidrat:

Illi, in realta`, dan kollu li ġie sottomess mill-appellanti, kif ukoll dak li essenzjalment issottometta l-appellat, fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, li tinsab minn fol. 31 sa fol. 38 tal-proċess, irid jitpoġġa fil-perspettiva legali proprja li tirregola l-miżura ta' soprasessjoni, li kif din il-Qorti diġa` kellha okkażjoni tindika fis-sentenza tagħha preċedenti, hija miżura li piu` o meno hija rimessa għad-diskrezzjoni tal-ġudikant u li għaliha jista' jasal a bażi ta' diversi konsiderazzjonijiet. F'każ bħal dan imbagħad, hemm kwistjonijiet oħra li qegħdin jiġu sottomessi, illi din il-Qorti tara li jkun improprju għaliha li tidħol fihom u tesprimi ruħha fihom f'dan l-istadju, peress illi eventwalment jistgħu jiffurmaw parti mill-meritu in vesta ta' indoli legali meta din il-kawża eventwalment tiġi ttrattata u deċiża. Partikolarment qed issir referenza għall-fatt jekk is-sentenza, li diġa` ngħatat mill-Prim'Awla fiż-żewġ kawżi li ġew istitwiti kontra l-attriċi u li għalihom saret refrenza jagħmlux stat fil-konfront ta' l-appellat odjern, kif ukoll il-kwistjoni ta' jekk il-konvenut odjern fil-kawża li istitwixxa hu u li a bażi tagħha l-Ewwel Qorti deħrilha li kellha tissopprassjedi, għandux interess ġuridiku biex jistitwiha u jkompliha. Dawn huma kollha kwistjonijiet legali

li f'xi żmien jew ieħor se jkollhom importanza u li din il-Qorti ma tħossx li *għandha tesprimi ruħha fuqhom illum f'din l-istanza li* tirrigwarda solament il-kwistjoni tas-soprasessjoni;

Kif taraha din il-Qorti, il-problema legali prinċipali li ġiet dibattuta mill-partijiet, huwa x'jiġri jekk effettivament il-konvenut jottjeni sentenza favorih u li twassal biex jiġu ddikjarati nulli d-dekontroll u d-*derequisition*. Apparti l-kwistjoni ta' l-interess ġuridiku li jissemma, u li din il-Qorti mhix qed tesprimi ruħha fuqu, qamet il-kwistjoni ta' jekk imbagħad tibqax viġenti r-*Requisition Order* oriġinali illi kienet ġiet irtirata permezz ta' *Derequisition* u xi tkun il-posizzjoni legali. Effettivament, din il-Qorti tara li ħafna *minn dak li jista' jiġi deċiż ikun fondamentali għall-eżitu tal-kawża* illi l-Ewwel Qorti għandha quddiemha u li fiha ddeċidiet li tissopprassjedi. Huwa veru li hemm l-element taż-żmien li jidher li ttawwal sostanzjalment kontra l-attriċi, llum appellanti, pero', il-ġustizzja trid tieħu l-kors tagħha u jekk hemm bażi soda li tissorreġġi d-direzzjoni ta' l-Ewwel Qorti biex tissoprassjedi, l-element taż-żmien sakemm ma jsirx eċċessiv, ma jistax ikollu l-importanza li qed tiġi pprospettata;

Essenzjalment, għalhekk, din il-Qorti tħoss illi għalkemm hemm ħafna x'wieħed jgħid favur kemm it-teżi ta' l-apellant kif ukoll dwar l-oġġezzjonijiet ta' l-appellat, fir-rigward ta' kemm il-proċeduri pendenti jistgħu jew ma jistgħux ikollhom inċidenza fuq l-eżitu tal-kawża pendenti quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti tħoss illi jekk l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li aħjar tistenna l-eżitu tal-kawża msemmija qabel ma tgħaddi biex tiddeċidi fuq din, dik id-deċiżjoni minħabba li *prima facie* ma jistax jingħad illi hija waħda kapriċċuża, jew li hija waħda kompletament bla sens, timmerita li tiġi rrispettata minn din il-Qorti anke, għax kif ingħad,

in materja ta' soprasessjoni d-diskrezzjoni tal-ġudikant għandha importanza vitali;

Din il-Qorti, pero`, tħoss ukoll illi, una volta hemm soprasessjoni, huwa d-dover tas-sistema ġudizzjarja illi kemm jista' jkun tittratta u tiddeċidi l-kawża jew kawżi li jkunu pendenti u li qegħdin iżommu dik is-soprasessjoni viġenti b'ċelerita` kemm jista' jkun possibbli. Għalhekk din il-Qorti sejra tagħti ukoll il-provvediment infraskritt;

Għal dawn il-motivi, l-appell qed jiġi respint u d-deċiżjoni appellata qed tiġi kkonfermata bl-ispejjeż kontra l-appellanti u l-atti qed jiġu rimessi lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. Finalment, pero`, din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Qorti li qed tieħu konjizzjoni tal-kawża ċitazz. nru. 62/93 **Carmel Tabone *vs* Gera de Petri *et*** biex is-suġġeriment li qed tagħmel din il-Qorti, li l-istess kawża tiġi ttrattata u deċiża b'ċerta ċelerita`, jinġieb a konjizzjoni tal-ġudikant li qiegħed jippresjedi fuq dik il-Qorti.